

# Festa li ġġeddidna!

Fr Joe Caruana
*Kappillan*

Meta tirrepeti ħaġa wara l-oħra jkun hemm it-tentazzjoni li l-ħaġa ssir monotona, ma tibqax tappella, issir rutina bla interess. Aħna niċċelebraw il-festa sena wara l-oħra u jekk ma toqgħodx attent tispiċċa biex tirrepeti l-istess affarijiet u hekk in-nies jitilfu l-interess.

Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li dan mhux il-każ tagħna l-Mellieħa. Is-soċjetajiet involuti jagħmlu ħilithom kollha biex fil-qafas miftiehem, sena wara l-oħra jfittxu li jagħtuna xi ħaġa ġdida, xi ħaġa aħjar minn tas-sena ta' qabel, xi ħaġa li tiġbed l-attenzjoni. Nifhem li dan jinvolvi ħafna xogħol, ħafna enerġiji, ħafna spejjeż. Nirringrazzjaw 'l Alla dawn mhux neqsin għalkemm jitolbu ħafna sagrifiċċji minn dawk involuti. Jitlob ukoll ħafna għaqal minn dawk responsabbli għax trid tikkordina l-attivitajiet tas-soċjetà tiegħek ma' dawk tas-soċjetajiet l-oħra biex hekk ikollna festa sħiħa organizzata, mhux wieħed jidħol fuq l-ieħor u hekk jinħoloq id-diżgwid u tissogra l-inkwiet. Mill-ġdid nirringrazzja 'l Alla u lill-kumitati tas-soċjetajiet kollha involuti li b'għaqal u responsabbiltà li titlob minnhom il-pożizzjoni li jħaddnu, dejjem jaslu għall-ftehim mibni fuq djalogu ġenwin bejniethom.

Waqt li dan it-tiġdid, biex insejjaħlu hekk, ta' barra, hu sabiħ u ta' min ifaħħru, nemmen li ma rridux nieqfu hawn biss. Il-bniedem għandu wkoll l-element spiritwali, dak li jerfgħu 'il fuq lejn Alla, dak li jagħmlu aktar nobbli għax iġiegħlu jaħseb mhux biss fih innifsu imma wkoll fi sħabu li jgħix fosthom u magħhom. Il-festa trid iġġedded lin-nisrani wkoll f'dan. Infatti, il-festa li niċċelebraw hi mnebbħa minn dan l-element reliġjuż, spiritwali, ta' fidi. Allura jeħtieġ li anke f'dan niġġeddu, fil-fidi tagħna. Il-parroċċa tipprova tipprepara mill-aħjar għal dan billi tħejji sewwa għaċ-ċelebrazzjonijiet differenti – in-noveni għall-kategoriji differenti ta' nies, is-servizz ta' qrar, il-quddies aktar solenni mis-soltu. Jonqos li aħna nattendu bi ħġarna ħalli niksbu tiġdid u tisħiħ tal-fidi tagħna.

Marija, il-patruna tal-parroċċa tagħna u li ad unur tagħha niċċelebraw il-festa kienet dik il-persuna li, żmien ilu, tatna lil Ġesù meta wellditu bħala bniedem. Lilha, matul iż-żminijiet, kultant f'mumenti ta' periklu kbir għall-fidi, talbuha bil-ħerqa ta' qabilna u hi semgħethom u ħelsithom mill-perikli tar-ruħ u tal-ġisem. Żgur li llum hi trid li ġġeddilna din il-fidi, fidi ġenwina li tagħni lill-bniedem sħiħ, ġisem u ruħ. Il-festa li nagħmlu lill-Vitorja trid tkun id-dikjarazzjoni tagħna li aħna rridu nirċievu mingħandha dan id-don kbir, rigal li jagħmilna nies kompluti, mogħnijin b'kulma jsebbaħna bħala persuni sħaħ maħluqin xbieha ta' dak Alla li Marija wasslitilna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina.

*Żuru l-'website' tagħna*
**www.imperialbandclub.com**
Ikkuntattjana fuq *e-mail*:
**info@imperialbandclub.com**